IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 48

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar (5:30pm) nhar **it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2022**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**48.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

48.1.1 Ebda talba ta' apoloġija.

**48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

47.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 47 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**48.3 Korrispondenza**

48.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Davinia Galea dwar l-Arts Festival Summit 2022 bil-għan li l-lokalità tal-Birgu tissieħeb fil-European Festivals Association. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li l-Professur Frank Camilleri jattendi f'isem il-kunsill għal dan is-summit fl-Armenja f'Settembru 2022.

48.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp tal-Kalkara bħala ringrazzjament għan-no objection għall-ħruq tal-logħob tan-nar fil-Festa ta' San Ġużepp il-Kalkara.

48.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Perita Amanda Degiovanni rigward l-applikazzjoni għall-iskema tar-restawr tal-funtani. Is-Sindku qal li din l-applikazzjoni ser timtela' bl-għajnuna tal-Perita sabiex tiġi restawrata l-funtana li hemm fil-Foss tal-Birgu. Is-Sindku spjega wkoll kif id-Dipartiment tar-Restawr se jkun qed jagħmel xi xogħol ta' manutenzzjoni fil-Foss tal-Birgu.

48.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Agatino Celisi dwar il-ħames u l-aħħar konferenza tal-proġett ActiveEU finanzjat mill-Unjoni Ewropea li se ssir fir-Repubblika Ċeka. Għal din il-konferenza se jattendi s-Sindku flimkien mal-kunsillier is-Sur Anton Gellel.

48.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ramon Deguara fejn qed jikkonferma mal-kunsill li se jkun qed jitkompla s-servizz ta' tindif tul il-Marina tal-Birgu, taħt il-Forti ta' Sant Anġlu u Triq il-Piccolo Soccorso (it-Toqba).

48.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv lis-Sinjura Dorianne Diaconi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed jinfurmaha li l-proġett tal-lift tal-Berġa ta' Franza se jkun qed isir kif pjanat.

48.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Perit Claude Busuttil minħabba d-dewmien li ħa sabiex issir kif suppost id-dokumentazzjoni tat-tender tal-lift tal-Berġa tal-Ingilterra. Is-Sindku qal li dak ix-xogħol li sar qabel ġie ffirmat il-kuntratt, kważi intilef minħabba d-dewmien mill-ħruġ tat-tender u għaldaqstant xi ħadd irid jerfa' r-responsabbiltà.

48.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku John Boxall lid-Dipartiment tal-Artijiet u d-Dipartiment tad-Djar dwar il-problema serja tas-saqaf u tad-drenaġġ fil-Kappella ta' Fuq tal-Ħawli.

48.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Alison Zerafa Civelli sabiex il-kunsill jagħmel laqgħa magħha sabiex jiddiskuti punti importanti dwar il-lokalità tal-Birgu.

48.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Ramon Deguara dwar il-latrina pubblika ta' Triq San Dwardu (il-Fortini) sabiex jinfurmah li l-kunsill jixtieq li din ma tibqax taħt ir-responsabbilta tiegħu u taqa' taħt il-Cleansing Department.

48.3.11 Preżentati erba' posters għax-Shortfilm Festival fil-jiem tal-Birgufest 2022 li bħas-snin preċedenti se jieħu ħsieba Alan Cassar.

48.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali s-Sur Natalino Attard dwar it-talba li għamel il-kunsill stess għal żieda ta' żewġ labourers mal-kunsill fejn bħalissa qed isir eżerċizzju biex isir tqassim ta' ħaddiema mal-kunsilli.

48.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Lawence Zahra sabiex jirringrazzja lill-kunsill għat-tismija ta' Triq Santinu Zahra li jiġi z-ziju tiegħu.

48.3.14 Preżentata korrispondenza mis-Sinjura Giselle Calleja dwar il-Press Conference li hemm maħsuba li ssir nhar id-19 ta' Lulju 2022 fil-11:00am Couvre Porte dwar l-attività Esperimenta Tikka Xjenza organizzata mill-Esplora.

48.3.15 Preżentata l-applikazzjoni taħt l-iskema **SPI/SCI/1/2022** Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u

Għawdex. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-applikazzjoni li ġiet sottomessa nhar is-27 ta' Mejju 2022.

48.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Joanne Piccinino residenti l-Birgu dwar il-bring-in sites li hemm fi Triq it-Torri ta' San Ġwann peress li kienu mimlija. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li dawn jitneħħew u jiġi evitat il-ħmieġ. Il-cameras għandhom jitħallew u jitħarrek min jarmi xi żibel f'dik iż-żona.

48.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz fejn qed jikkonferma l-istedina tiegħu tal-President għaż-żjara relatata mal-ġemellaġġ ta' Parisot filwaqt li jikkonferma li min-naħa tas-soċjetà, dejjem kienu lesti li jiddiskutu dak li jkun bżonn. Is-Sindku qal li s-Segretarju tal-Banda Prince of Wales Own ikkonferma wkoll bil-fomm, li jaċċettaw l-istedina. Is-Sindku qal li kif maqbul fl-aħħar laqgħa tal-kunsill, intbgħatet ittra nhar it-22 ta' April 2022, liż-żewġ każini tal-banda rispettivi tal-Birgu dwar din iż-żjara f'Parisot.

48.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Ambjent Malta fejn qed tinforma l-kunsill li ż-żewġ applikazzjonijiet mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar l-iskema tal-Urban Greening Scheme (2022), ma ġewx aċċettati minħabba xi nuqqasijiet.

48.3.19 Preżentata korrispondenza dwar il-ktieb 'Life with Oscar', bl-Ingliż, li se jkun fih parti mill-istorja tal-Kavallieri fil-Birgu mil-lenti tal-ħajja ta' pappagall. Dan il-ktieb se jiġi ppublikat minn Heritage Malta filwaqt li l-kunsill se jkun qed jixtri ħames mitt (500) kopja bi prezz ridott. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

48.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Silvana Coster dwar żewġ kunċerti li jixtiequ jagħmlu fil-Birgu fis-sena 2023. Is-Sindku qal li dawn mhux talli se jagħmlu l-kunċerti iżda se jħallsu wkoll talli jużaw Couvre Porte. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

48.3.21 Preżentat il-kuntratt li ġie ffirmat mis-Sindku John Boxall u l-Arċipriet tal-Parrroċċa Dun Karm Busuttil dwar il-minutiera tat-Torri tal-Arloġġ fejn il-Parroċċa se tkun qed tislef għal żmien indefinit din il-minutiera lill-kunsill sabiex titpoġġa għall-wiri fil-Berġa ta' Franza.

48.3.22 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Marie Charmaine Vella mill-Awtorità tal-Artijiet sabiex tikkonferma jekk il-kunsill jaċċettax li ssir konferenza stampa fil-bandli tal-Birgu la darba dawn ikunu lesti peress li dawn il-bandli qed jiġu ffinanzjati mid-Development Planning Funds. Is-Sindku spjega kif dawn riedu risposta fl-iqsar żmien u għaldaqstant ikkonferma u aċċetta li ssir konferenza stampa la darba jkun installat it-tapit kollu li fadal fil-bandli. Il-kunsilliera qablu unanimament. Is-Sindku qal ukoll li ġie notifikat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex jikkonferma d-data ta' meta dan il-proġett ikun lest sabiex fil-ftuħ uffiċjali, tattendi wkoll l-Onor. Alison Zerafa Civelli, Segretarju Parlamenti għall-Gvern Lokali.

48.3.23 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Matthew Dimech minn BCRS Malta, li se jkunu responsabbli mill-magni madwar Malta li fihom jintremew il-fliexken tal-plastic u n-nies jingħata għaxar (10) ċenteżmi lura. Il-ħsieb huwa li din il-magna titpoġġa fi Triq l-Assedju l-Kbir, fl-ewwel żewġ parkeġġi viċin il-baħar iżda wara diskussjoni, ġie maqbul mill-kunsilliera kollha sabiex jintbagħt ritratt tagħha sabiex jekk hu possibli, din titpoġġa f'post aktar ċentrali għar-residenti.

48.3.24 Preżentata Ċirkolari 5/2022 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Kjarifiċi dwar il-Ftehim Kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi.

48.3.25 Preżentati diversi ritratti meħuda minn residenti fi Triq San Lawrenz dwar il-konġestjoni ta' traffiku li qed tinħoloq quddiem il-ħwienet li jinsabu fl-istess triq imsemmija minħabba parking doppju f'nofs ta' triq. Is-Sindku qal li kemm-il darba nforma lis-Supretendent tal-Għassa ta' Bormla sabiex isiru aktar rondi spissi sabiex jiġi kkontrollat it-traffiku. Is-Sindku propona li titwaħħal camera mill-kunsill sabiex jibdew jinħarġu kontravenzjonijiet għal min jikser il-liġi. Il-kunsilliera preżenti qablu li din il-camera għandha ssir mil-LESA u mhux mill-kunsill. B'relazzjoni ma' din il-problema, is-Sindku preżenta ittra li ntbgħatet lis-Supretendent Trevor Micallef, liema ittra tqassmet lir-residenti ta' Triq San Lawrenz sabiex ikunu infurmati bl-azzjoni li ħa l-kunsill.

48.3.26 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Ministru l-Onor. Owen Bonnici dwar il-Bieb u l-Forti tas-Salvatur minħabba l-abbandun li jinsab fih u għaldaqstant hemm bżonn ta' azzjoni mmeddjata sabiex jiġu restawrati.

48.3.27 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joe Smith sabiex jinforma lis-Sindku li l-fotografija tal-ktieb 'Il-Birgu Ibieraħ u llum' tinsab lesta filwaqt li jirringrazzja wkoll lis-Sindku tal-għajnuna fit-tnehdija tal-ktieb 'Survivors2'. Il-

Kunsillier is-Sur Anton Gellel xtaq jiġbed l-attenzjoni li huwa ma attendiex għat-tnehdija tal-ktieb 'Surviovors 2' għaliex ħassu dispjaċut li kemm ommu kif ukoll missieru li llum jinsabu mejtin, ma' ġewx jidhru fl-ebda pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb. Il-Kunsillier Trevor Mizzi ġibed l-attenzjoni wkoll li l-awtur Joe Smith kien ħalla barra wkoll lin-nanniet tiegħu mit-tieni pubblikazzjoni fejn ankè kien ħadilhom l-intervista apposta għal din il-pubblikazzjoni. Is-Sindku wieġeb lis-Sur Gellel u qallu li hu għandu informazzjoni ta' meta mietu l-ġenituri tiegħu u meta kienu nħadmu ż-żewġ pubblikazzjonijiet u spjega li sfortunatament, il-ġenituri tas-Sur Gellel kienu diġà ħallewna.

48.3.28 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lir-residenti ta' St.Angelo Mansions rigward il-problema ta' storbju li qed tinħoloq kawża ta' daqq ta' mużika għolja mill-istabbilimenti li hemm il-Kalkara, propju taħt l-Esplora. Il-kunsill qed juri s-support kollu meħtieġ sabiex din il-mużika titrażżan speċjalment f'ħinijiet mhux adekwati. Is-Sindku ressaq ukoll ittra li ntbgħatet lis-Supretendent tal-Għassa ta' Bormla dwar din il-problema sabiex tittieħed azzjoni meħtieġa.

48.3.29 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Ministru l-Onor. Aaron Farrugia dwar il-parkeġġ quddiem il-Monument ta' Jum il-Ħelsien fil-Birgu, liema parkeġġ qed jagħmel ikrah u nuqqas ta' rispett lejn monument nazzjonali.

48.3.30 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar fejn qed tgħaddi kopja tar-rapport bir-Risposta tal-Appell tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-permess PA 6852/21 għat-twaqqif ta' struttura tal-ħġieġ quddiem il-ħanut South Stakes fil-Waterfront tal-Birgu.

48.3.31 Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni sabiex b'mod urġenti tinħadem grada fil-bandli tal-Birgu li ma tippermettix li t-tfal joħorġu mill-bandli waqt li jkunu qed jagħmlu użu minn dan il-post peress li dik preżenti, mhix tajba għall-ħarsien tat-tfal. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

## 48.4 Birgufest 2022

48.4.1 Is-Sindku qal li x-xogħol hemm bżonn li tibda sew il-ħidma fuq l-attività tal-Birgufest 2022. Il-kunsilliera preżenti qablu li minħabba n-natura tad-diskussjoni li preparazzjoni li teħtieġ din l-attività, ikun jaqbel li ssir laqgħa tal-kunsill li tkun iddedikata fuq din l-attività.

**48.5 Ħaddiema Assenjati mal-Kunsill**

48.5.1 Is-Sindku ippropona biex tinħareġ sejħa għal Skrivan Skala 15 mal-Kunsill Lokali tal-Birgu peress li fil-jiem tas-sajf meta jibdew in-nofstanhari, il-kunsill qed ikun magħluq mis-1:00pm 'il quddiem. Il-Kunsillier Trevor Mizzi ppropona li dan jiddaħħal partime u mhux full-time sabiex ikun jista' jaqdi l-ħtiġijiet tal-kunsill mis-1:00pm 'il quddiem jekk il-problema hija fin-nofstanhari. La darba jintemmu n-nofstanhari, dan l-impjegat ikun jista' jaħdem is-sigħat li hemm bżonn skont il-ħtieġa tal-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament. Għal din is-sejħa, il-kunsill se jkun qed jalloka parti mill-allokazzjoni finanzjarja annwali sabiex b'mod indefinit, iħallas is-salarju addizzjonali.

**48.6 Jum il-Birgu 2022**

48.6.1 Is-Sindku qal li għal din is-sena, id-data li fiha jiġi ċċelebrat Jum il-Birgu se jkollha titmexxa minħabba l-attività nazzjonali li se ssir fil-Birgu fl-okkażjoni ta' Jum il-Vitorja. Il-Kunsillier Anton Gellel kellu jieħu ħsieb li jikkomunika mal-Kumitat Festi Nazzjonali u ma' Festivals Malta sabiex jikkonfermaw il-ġranet li fihom se jsiru l-attivitajiet fil-Birgu sabiex tkun tista' tiġi stabbilita l-ġurnata biex jiġi ċċelebrat Jum il-Birgu.

48.6.2 Is-Sindku qal li din id-darba, fl-okkażjoni tal-festi nazzjonali fil-Birgu, isir riċeviment fil-Berġa ta' Franza wara l-Pontifikal Solenni li jsir fil-Parroċċa ta' San Lawrenz. Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar propona li dan isir f'Couvre Porte flok fil-Berġa ta' Franza minħabba spazju u sħana. Intant is-Sindku qal li jixtieq li issa li ġiet restawrata din il-binja, il-Prim Ministru jkun mistieden li jiġi jaraha la darba se jkun il-Birgu u r-riċeviment isir fil-Berġa ta' Franza kif jixraq.

**48.7 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv Skala 13**

48.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mil-applikanti kollha li applikaw għas-sejħa ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13, żewġ applikanti biss kienu tajbin iżda sfortunatament iż-żewġ persuni ma urewx interess ftit jiem wara li saru l-interviews.

48.7.2 Is-Sindku talab sabiex din is-sejħa terġa' toħroġ mill-aktar fis possibli. Is-Sindku rringrazzja wkoll pubblikament lil Dr Melvin Attard u lis-Sur Charlie Camilleri talli offrew li jkunu parti mill-bord waqt l-interviews.

**48.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

48.8.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-Pirjol tad-Dumnikani xtaq li jagħmel laqgħa miegħu biex jitkellem miegħu fuq diversi punti li sa dan il-ħin tal-laqgħa, is-Sindku kien għadu ma jafx x'inhuma eżatt.

48.8.2 Il-Kunsillier s-Sur Anton Gellel qal li ħa f'idejh il-problema tad-dranaġġ li għandu John Galea fi Triq it-Torri ta' San Ġwann u se jkun qed iġib l-istimi li hemm bżonn peress li jidher li triq tinqala ċ-ċangatura tat-triq biex tissolva l-problema.

48.8.3 Is-Sindku qal li fuq id-donazzjonijet għall-Monument ta' Ġorġ Agius kien għandu ma sar xejn rigward donazzjonijiet biex jidħlu online. Il-Viċi Sindku propona li flok din is-sistema tkun varata biss online fuq il-mezzi soċjali, tiġi mistiedna l-media u ssir konferenza stampa fil-Berġa ta' Franza fejn ankè jiġi preżentat l-abbozz għal dan il-monument u b'hekk l-aħbar tkun fuq skala nazzjonali. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament u ġie deċiż li l-konferenza stampa ssir nhar is-7 ta' Lulju 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv ingħata r-responsabbiltà li jitkellem mal-artist Joe Galea biex iħejji abbozz tal-monument kif deċiż fil-laqgħa tal-kunsill.

48.8.4 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li tkellem mas-Sindku ta' Bormla s-Sur Marco Agius dwar dak li ġara bl-istatwa tal-Irxoxt ta' Bormla fl-Għid meta persuna li diġà ġiet identifikata, insistiet li l-istatwa tal-Irxoxt jidħol fil-konfini tal-Birgu..

48.8.5 Is-Sindku qal li qed jipproponi sabiex jinħareġ tender biex tinxtara magna tat-tindif għat-toroq tal-Birgu minħabba l-fatt li meta qed isir il-ġbir tal-iskart, qed titħalla mandra fit-toroq u li mhux l-ewwel darba l-ħaddiema tal-kunsill spiċċaw ħaslu t-toroq. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

48.8.6 Is-Sindku ressaq ritratt, *photoshoped* dwar installazzjoni ta' dinosawru biswit il-Monument tal-Ħelsien fi Triq San Lawrenz.Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera, ġie deċiż li din l-installazzjoni ma ssirx fejn qed tipproponi l-Malta Film Commission iżda ssir fuq i-Waterfront fi Triq l-Assedju l-Kbir qrib ir-ristoranti u l-Mużew Marittimu peress li parti mill-film inħadem ukoll fuq l-istess mużew imsemmi.

48.8.7 Is-Sindku qal li x-xogħol tal-bandli issa kważi lest kollu, jonqos biss naħa waħda tal-bandli fejn jiġi nstallat it-tapit. Is-Sindku propona li fl-inawgurazzjoni, jkunu mistiedna t-tfal tal-Birgu bejn sentejn (2) u seba' (7) snin u jsir party

għalihom sabiex ikunu huma li jinawgurawh. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

48.8.8 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li r-Rolling Geeks li jduru mal-Birgu mhux qed isuqu u jimxu skont ir-rotot tat-traffiku u f'diversi toroq qed jgħaddu one-way. Dan qed jikkawża periklu kemm għal sewwieqa li jsuqu skont ir-rotot tat-traffiku u ankè għar-residenti. Is-Sindku qal li se jkun qed jinforma lill-kumpanija sabiex tittieħed azzjoni minnufih.

48.8.9 Is-Sindku qal li tkellem mas-Sur Oliver Scicluna dwar il-van li fih jgħabbi wheelchair sabiex jinxtara għal-lokalità tal-Birgu. Is-Sindku spjega kif is-Sur Scicluna għandu jerġà jitkellem miegħu sabiex itih dettalji dwar kif għandu jkun dan il-van sabiex jinxtara mudell tajjeb.

48.8.10 Is-Sindku talab lill-Kunsillier is-Sur Jason Portelli sabiex jieħu ħsieb iġib stimi għal podium ġdid għall-kunsill.

48.8.11 Il-Viċi Sindku Chris Cassar ġibed l-attenzjoni li fil-Birgu hawn wisq parkeġġi tal-Blue Badge, speċjalment għal nies li mhux vera għandhom diżabilità għax kulħadd jista' jarhom jimxu jew jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom mingħajr problemi. Is-Sindku qal li għal din il-problema m'hemmx soluzzjoni min-naħa tal-kunsill peress li l-permessi jinħarġu minn Transport Malta.

48.8.12 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel propona li ssir stedina mill-Kunsill Lokali tal-Birgu lill-President tal-Parlament Ewropej Roberta Metsola. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament. Għaldaqstant is-Sindku talab lis-Sur Gellel sabiex jikkordina din l-istedina.

48.8.13 Il-Kunsillier Jason Portelli talab biex fejn u jekk hu possibli, tingħata għajnuna sabiex isir ir-restawr minn barra tal-Oratorju ta' San Ġużepp peress li jinsab fi stat kritiku.

48.8.14 Il-Viċi Sindku Chris Cassar propona sabiex tiġi organizzata maratona tal-ġiri 5K madwar il-Birgu għall-ħabta ta' Novembru. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament u għaldaqstant is-Sindku talbu biex jieħu ħsieb l-organizazzjoni tagħha.

48.8.15 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel staqsa jekk hemmx ħsieb li nhar ta' Sibt filgħaxija, jibda jsir xi tip ta' entertainment minn bands lokali kif kien maħsub

b’relazzjoni mal-proġett ta’ Slow Streets. Is-Sindku qal li ma kien hemm ebda pjan għal dawn l-attivitajiet.

48.8.16 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li tkun ideali jekk iż-żona li fiha kien mibni t-Torri tal-Arloġġ fil-Pjazza u li tinsab mgħottija bil-konkos, tingħata t-tarmac ankè sabiex tkun aktar faċli li ssir il-parata tal-Otto Settmebre mill-armata ta’ Malta. Il-kunsilliera preżenti qablu u ġie deċiż li dan isir qabel iż-żewġ festi tal-lokal. Il-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li se jkun qed jieħu ħsieb li jitkellem ma’ xi ħadd minn Infrastructure Malta sabiex isir dan ix-xogħol.

48.8.17 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li fil-waterfront tal-Birgu hemm bżonn li ttitieħed azzjoni minħabba l-konġestjoni ta’ traffiku li qed ikun hemm. Is-Sur Mizzi qal li jkun ideali li jsiru traffic lights ħalli jsir management aħjar tat-traffiku. Is-Sindku qal li fi żmien il-Ministru Joe Mizzi kien iħareġ il-permess iżda l-Vittoriosa Marina qatt ma ħadet azzjoni.

48.8.18 Is-Sindku ippropona sabiex tinxtara hoover żgħira għall-bandli sabiex jinġabar il-weraq u dak kollu li jinżel mis-siġar u b’hekk it-tapit u ankè ż-żona, tinżamm nadifa. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**48.9 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

48.9.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 40** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6289** sa **BOV 6308** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta’ ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b’mod unanimu l-iskeda preżentata.

**48.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-disgħa u nofs ta` filghaxija (9:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 5 ta` Lulju 2022 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **5 ta’ Lulju 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |